

- 5) L-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 223, 14.07.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2015 – Michelin Reifenwerke vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-301/14) (¹)

(“Għajnuna mill-Istat — Miżuri adottati mill-Ġermanja favur l-elettriku minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u impriżi elettro-intensivi — Deċiżjoni ta’ ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE — Adozzjoni tad-deċiżjoni finali wara l-preżentata tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2015/C 245/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Michelin Reifenwerke AG & Co. KGaA (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u R. Sauer, aġenti, assistiti minn A. Luke u C. Maurer, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4424 finali, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tinfetaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE dwar il-miżuri implementati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur l-elettriku minn sorsi rinnovabbli u l-konsumaturi kbar tal-enerġija [Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN)].

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors preżenti.
- 2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għall-intervent imressqa mill-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA.
- 3) Michelin Reifenwerke AG & Co. KGaA għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inkluż dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
- 4) L-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 223, 14.07.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2015 – Vestolit vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-305/14) (¹)

(“Għajnuna mill-Istat — Miżuri adottati mill-Ġermanja favur l-elettriku minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u impriżi elettro-intensivi — Deċiżjoni ta’ ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE — Adozzjoni tad-deċiżjoni finali wara l-preżentata tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2015/C 245/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Vestolit GmbH (Marl, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Greinacher, J. Martin u B. Scholtka, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u R. Sauer, aġenti, assistiti minn C. von Donat u G. Quardt, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4424 finali, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tinfetaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE dwar il-miżuri implementati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur l-elettriku minn sorsi rinnovabbli u l-konsumaturi kbar tal-enerġija [Għajjnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN)].

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors preżenti.
- 2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għall-intervent imressqa mill-Awtoritā tas-Sorveljanza EFTA.
- 3) Vestolit GmbH għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 4) L-Awtoritā tas-Sorveljanza EFTA għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 223, 14.07.2014.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Ġunju 2015 – Buga vs Il-Parlament et
(Kawża T-241/15 R)

("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Direttiva dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu — Talba għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà manifesta tar-rikors prinċipali — Inammissibbiltà")

(2015/C 245/34)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Partijiet

Rikorrent: Aurel Buga (Bacău, ir-Rumanija) (rappreżentant: M. Vasii, avukat)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji intiża sabiex l-awtoritajiet Rumeni jiġi ordnati jissospendu l-proċeduri kriminali mibdija kontra r-rikorrent quddiem qorti nazzjonali.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.